**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kump. Numru: 878/2024 RM**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**-Vs-**

**NOEL XUEREB**

**Illum 28 ta' Ottubru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **NOEL XUEREB** ta' tlieta u ħamsin (53) sena iben Philip u Rosaria nee Cauchi, ta' nazzjonalita' Maltija, imwieled nhar is-sbatax (17) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija wieħed u sebgħin (1971), residenti ġewwa 'Ta' Susina Farmhouse, Triq Għarram, Żebbug, Malta', detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 421471M li ġie akkużat talli nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) f'xi ħin bejn l-għaxra (10:00) u l-ħdax u nofs (11:00) ta' filgħodu, ġewwa Triq Luret Cutajar, Ħaż Żebbuġ u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Mingħajr ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġunajt ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura

gravi fuq il-persuna ta' **Matthew Bonanno**, hekk kif iċċertifikat minn Dr Charlene Chetcuti (Med. Reg. Nru. 8217);

**Artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta**

1. Ħebb kontra l-persuna ta' **Matthew Bonanno** sabiex jinġurja, idejjaqha jew jagħmlilha l-ħsara;
   **Artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta**

2. Għamilt lil **Matthew Bonanno** inġurji jew theddid mhux imsemmijien band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħriġt barra mil-limiti tal-provokazzjoni;
   **Artikolu 339(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta**

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' **Matthew Bonanno** billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;

F'każ ta' ħtija għar-reat hawn fuq imsemmi, il-Qorti hija mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati kull artikolu li jiżgura kumpens jew restituzzjoni lill-vittmi tar-reati relattivi.

F'każ ta' ħtija għar-reat hawn fuq imsemmi, il-Qorti hija mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-parti leża;

Semghet lill-Prosekuturi jaqraw l-akkuzi u jikkonfermawhom bil-gurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet lill-imputat iwieġeb li huwa ħati tal-akkużi;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara illi l-ewwel imputazzjoni qiegħda taddebita r-reat tal-offiża volontarja taħt l-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali u mhux taħt l-artikolu 218 tal-istess Kodiċi;

Semgħet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-ħtija anke wara li hija wissietu bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, wara illi kkonċedietlu ħin biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' ħtija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tiegħu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tal-reati li jinsab mixli bihom u l-piena erogabbli.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u d-difiża fir-rigward tal-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu u dan wara li ġew osservati d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 392A tal-Kap. 9, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tiegħu u kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-gravita' tar-reati kommessi fejn il-vittma, Matthew Bonanno, ġarrab offizi gravi konsistenti *inter alia* f'laċerazzjoni f'wiċċu, speċifikatament taħt ħalqu; offiża li tirrientra sfiq fid-definizzjoni ta' sfreġju għall-finijiet tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat ukoll li l-aggressjoni ma kienetx ipprovokata u jidher li l-każ huwa wieħed klassiku ta' *road rage* fejn l-imputat ħebb għall-vittma – persuna li ma jafhiex - u

sawtu sempliċement għaliex paqpaqlu meta sab li kien qed jimblokka l-entratura għall-garaxx tiegħu. Aġir bħal dan mhux tollerabbli f'soċjeta' ċivilizzata u fil-fehma tal-Qorti huwa manifest li l-imputat għandu bżonn għajnuna biex jikkontrolla l-espressjoni ta' emozzjonijiet negattivi biex jiġi assigurat li egħmil bħal dan ma jirripetix ruħu fit-toroq tagħna li diġa' jinsabu miżgħuda bi problemi, fejn anke sempliċi vjaġġ qasir bil-karozza kapaċi waħdu jnissel rabja, dwejjaq u ansjeta' minħabba għadd ta' fatturi fosthom traffiku kontinwu, devjazzjonijiet u egħluq għall-għarrieda u sewqan ħażin.

Madanakollu, fl-istess waqt il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat kif ukoll il-fatt li mill-fedina penali tiegħu, għad illi din m'hijiex xi waħda netta, ma jirriżultax illi huwa qatt ġie kkundannat qabel għal xi reat vjolenti.

Fil-qies ta' dawn l-fatturi kollha l-Qorti filwaqt li tqis li l-gravita' tar-reat timmerita piena karċerarja, hija wkoll tal-fehma li ma jeżistux l-estremi li jiġġustifikaw li din tkun waħda effettiva. Tqis madanakollu, li l-imputat għandu jingħata trattament biex qabel xejn jiġi identifikat jekk ibatix minn problemi ta' natura psikoloġika li setgħu xprunaw il-kommissjoni tar-reati u li għalhekk jeħtiegu li jiġu indirizzati, senjatament problemi ta' kontroll u immaniġjar ta' emozzjonijiet negattivi inkluż rabja.

**Għal dawn il-motivi, wara li rat l-artikoli 17, 214, 215, 216(1)(b), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lil NOEL XUEREB ħati tal-imputazzjonijiet kollha u tikkundannah sentejn priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk fi żmien erba' (4) snin mil-lum, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tiegħu taħt l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta` prigunerija.**

**Billi ma jirriżultax li gew maħtura xi esperti f'dawn il-proceduri jew fil-*proces-verbal* tal-inkjesta, tastjeni milli tiegħu konjizzjoni tat-talba magħmula mill-Prosekuzzjoni taħt l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Għall-fini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Matthew Bonanno għal perijodu ta' tliet (3) snin.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9, tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati għal żmien sena bil-għan li jiġi identifikat l-eżistenza ta' xi problemi psikoloġiċi u fl-affermattiv sabiex dawn jiġu indirizzati bit-trattament idoneu, kif ukoll sabiex jingħata f'kull każ kura għall-problema tan-nuqqas ta' kontroll effettiv tar-rabja.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti għall-finijiet tal-Artikolu 28A(8) tal-Kapitolu 9.**

**Tordna wkoll li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza fi żmien sitt ijiem tax-xogħol a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**